**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Stacy Attard)**

**Vs**

**Fatah Mohamud Hassan**

Numru 94/2019

Illum 22 ta' Frar 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat **Fatah Mohamud Hassan** detentur tal-karta tal-identita' 31614(A) billi huwa akkuzat talli nhar it-08 ta' Frar, 2019, ghall-habta bejn l-erbgha u l-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar (16:00hrs – 16:30 hrs) gewwa Triq Patri Felicjan Bilocca, Marsa, Malta:-

1. attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PC 37 D. Bezzina, persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien

qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita` kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC 37 D. Bezzina, persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna/i oħra u cioe' hebb u ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 37 D. Bezzina skond kif iccertifikat Dr. Satya Brata Das M.D. (Reg. NO. 2141) mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana, u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215 u 221(1)(a), 222(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. u aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b'ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija waqt li kienu qeghdin jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' tiehu hsieb tieghu innifsu, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338 (ff) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli sar recidiv permezz ta' sentenza mghotija nhar il-25 ta' Jannar 2018, mill-Magistrat J. Mifsud LL.D, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghndhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tallum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena;

Fliet id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali,

Ikkunsidrat;

Il-Qorti terga' ttenni li l-Pulizija jridu jkunu protetti waqt li jkunu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom u hadd m'huwa skuzat – tkun xi tkun ir-raguni – li jhedded lil xi ufficjal tal-Pulizija jew li b'xi mod iweggghu.

Ordni tal-Pulizija ghandha tkun obduta mal-ewwel u ghandu jintwera rispett lejn kull uffiċjal dejjem u kullimkien. Dan ir-rispett ghandu jidher b'mod l-aktar ċar u enfatiku f'sitwazzjonijiet fejn tkun dahlet imqar naqra tensjoni.

Il-Qorti qieghda tinnota li fis-socjeta′ taghna qieghed ikun hemm aktar okkazzjonijiet fejn persuni m′hux jobdu ordnijiet legittimi tal-pulizija u wisq aktar jattakkawhom fizikament u mhux l-ewwel darba li jkun hemm min isofri griehi anke gravi.

Bl-agir tieghu l-imputat holoq rabja bla bzonn fost setturi tal-popolazzjoni Maltija u ghamel hsara lil immagini tal-maggoranza tal-barranin li jghixu f'pajjizna li jimxu skruplozament mal-ligijiet ta' pajjizna b'armonija ma' min jghix f'din is-socjeta'.

F′dan il-kaz il-Qorti ma tistax theggeg lill-Ufficjal Ewlieni ghall-imigrazzjoni biex juza l-poter li ghandu u jintbaghat lura lejn pajjizu minhabba l-istat li tinsab fih is-Somalja u ghalhekk l-imputat qieghed jinghata protezzjoni f′pajjizna.

**Decide**

Li wara li rat l-Artikoli 95, 96(a), 214, 215, 221(1)(a), 222(1)(c), 338(dd), 338(ee) u 338(ff) tal-Kodici Kriminali ssib lil Fatah Mohamud Hassan, fuq l-ammissjoni tiegħu stess ħati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih. Rat li t-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni huma komprisi fl-ewwel (1) imputazzjoni.

Il-Qorti ħadet konsiderazzjoni tal-fatt li l-imputat talab skuza ta′ dak li wettaq u anke spjega li jiddispjacih li wara hmistax (15)-il sena hawn wettaq dak li wettaq ghax kien xorob u ma kienx jaf x′ qieghed jaghmel kif ukoll li huwa ammetta l-ħtija tiegħu fil-bidu nett ta′ dawn il-proċeduri kif rat ukoll il-fedina penali.

Għaldaqstant il-Qorti qegħda tikkundanna lil Fatah Mohamud Hassan għall-piena ta′ tmien (8) xhur priġunerija u multa ta′ erbat elef ewro (€4,000).

Il-Qorti hadet nota ta′ dak li stqarr il-hati li jixtieq li l-multa tkun konvertita fi prigunerija bir-rata li tistabilixxi l-ligi.

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**